# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 8**

**Rikors Numru 11/13 SM**

**Joseph Camilleri**

**v.**

**Avukat Generali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza datata 5 ta' Novembru 2015 [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent ghal sejba ta' dewmien irragjonevoli fil-proceduri kriminali, fl-ismijjiet **Il-Pulizija v. Joseph Camilleri**, migjuba kontra tieghu u ghal dikjarazzjoni konsegwenzjali ta' ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea

ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Umani [il-Konvenzjoni], bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

Mertu

2. Il-mertu tal-proceduri odjerni jirrigwarda biss il-kwistjoni tal-allegat dewmien irragjonevoli tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent.[1]

3. Il-kontenzjoni tar-rikorrent hija fis-sens illi l-proceduri kriminali kontrih, li bdew fis-sena 2003 u li ntemmu fis-sena 2014 b'sentenza li permezz taghha huwa nstab hati ta' pussess semplici u gie ikkundannat ghal sena u nofs prigunerija sospizi ghal sentejn, kienu lezivi tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli skont l-Artikolu 6 fuq citat. Isostni wkoll li, konsegwenza ta' dan id-dewmien irragjonevoli, huwa sofra kemm dannu psikologiku kif ukoll danni materjali partikolarment peress illi kienet inharget kontra tieghu *freezing order* li damet fis-sehh tul il-proceduri kriminali kollha.

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] It-talbiet ghal sejba ta' lezjoni tal-Artikolu 7 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea gew irtirati mir-rikorrenti fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti.

"19.0. Illi in vista tal-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti datat id-9 t'April, 2015, jinghad is-segwenti:

"19.1. Illi t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur datat it-8 ta' Frar, 2013, gew ghalhekk irtirati;

"19.2. Illi ghalhekk il-procedura odjerna hi issa esklussivament limitata fuq il-kwistjoni tad-dewmien tal-procedura kriminali;

"19.3. Illi jigi analizzat jekk dan id-dewmien jivvjolax id-dritt ta' smigh xieraq kif sancit mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

"Ikkunsidrat:

"20. Illi skont ir-rikorrenti ma jezisti l-ebda dubju fir-rigward, (ara foll 201);

"21. Illi dan id-dewmien xekkel il-hajja privata tieghu, (ara foll 201);

"22. Illi l-ordni ta' frizar tal-assi tar-rikorrenti xekklu milli jkun jista' jinnegozja, (ara foll 201);

"23. Illi r-rikorrenti baghtha wkoll moralment, (ara foll 201);

"24. Illi wara li l-intimat indirizza l-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati, instab hati ta' pussess ta' droga u kien liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor, (ara foll 202);

"Ikkunsidrat:

"25. Illi l-posizzjoni tal-intimat tista' tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

"25.1. Illi l-uniku ilment in dizamina hu jekk ir-rikorrenti garrabx dewmien irragonevoli fil-proceduri kriminali in dizamina;

"25.2. Illi minn ezami tal-process kriminali jirrizulta s-segwenti:

"25.2.1. Illi l-kawza giet inizjata fit-18 ta' Gunju, 2003, (ara foll 132);

"25.2.2. Illi l-assi tar-rikorrenti gew debitament iffrizati skont il-ligi, (ara foll 133);

"25.2.3. Illi permezz ta' ordni appozitu datata s-16 ta' Jannar, 2004, id-depozitu relattiv ghall-ghoti tal-liberta` provizorja kien modifikat favorevolment ghar-rikorrenti, (ara foll 135);

"25.2.4. Illi tul il-kompilazzjoni x-xhieda tal-prosekuzzjoni tirrizulta li

kienet giet ipprezentata b'regolarita`, (ara foll 136 sa 163);

"25.2.5. Ili l-presekuzzjoni ddikjarat li m'ghandiex xhieda aktar x'tipproduci fl-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2010, (ara foll 163);

"Ikkunsidrat:

"26. Illi ghandu jigi immedjatament ribadit il-principju li min jallega jrid jipprova;

"27. Illi f'dan is-sens ir-rikorrenti jirrizulta pjuttost superficjali *stante* li jfalli milli jipprova dak minnu allegat;

"28. Illi dak li jirrizulta oggettivament konstatat hu li l-procedura kriminali in dizamina giet inizjata fit-18 ta' Gunju, 2003, u giet terminata fl-14 ta' Lulju, 2014, wara li l-istess rikorrenti kien ikkontribwixxa ghall-istess bl-inizjattivi kostituzzjonali li ha u li finalment iddesista milli jippersegwixxi, (ara foll 197);

"Ikkunsidrat:

"29. Illi f'dan il-kamp partikolari tal-iter temporanju li kawza ghandha tiehu, jigi ribadit dak li jsostnu l-Van Dijk u l-Van Hoof fl-opus taghhom *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*, *Third Edition*:

> "The Court has regard to the particular circumstances of the case, and has not established an absolute time-limit. In some cases the Court makes an overall assessment rather than referring directly to the above mentioned criteria";

"30. Illi f'dan ir-rigward l-istess awturi jistabbilixxu li l-ezami tad-dewmien riskontrat ghandu jigi analizzat f'kull fazi tal-procedura ghaliex:

> "The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case"; (ibid p. 446)

31.0. Illi ghalhekk din tinhtieg analizi tripplu:

"31.1. Il-komplessita` tal-kaz;

"31.2. L-imgieba tal-inputat, (ir-rikorrenti);

"31.3. L-imgieba tal-awtoritajiet;

"32. Illi fir-rigward, l-awtoritajiet ikkoncernati, senjatament il-prosekuzzjoni, l-Avukat Generali u l-Qorti jirrizultaw li ma jippekkawx f'dan ir-rigward *stante* li jirrizulta li qdew l-obbligi istituzzjonali taghhom kif dovut;

“33. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti ma gab l-ebda prova li permezz taghha jtappan l-agir tal-istess;

“Ikkunsidrat:

“34. Illi ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm dewmien kappriccuz jew irregolari imputabbli lill-imsemmija istituzzjonijiet;

“35. Illi ghandu jkun pacifiku li l-kaz kien pjuttost delikat u involva numru konsiderevoli ta’ xhieda – 45, (ara foll 205), oltre l-esperti nominati li riedu z-zmien taghhom biex jespletaw l-inkarigi taghhom;

“36. Illi kif ritenut f’**Ellul Sullivan et vs. Avukat Generali et** datata t-**18 ta’ Gunju, 2008**, il-**Qorti Kostituzzjonali** ssosstni:

> ““... volume of evidence, number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad or the complexity of the legal issues involved”,

“jimmeritaw konsiderazzjoni f’dan ir-rigward;

“37. Illi jirrizulta li wara l-gheluq tal-kumpilazzjoni, l-att t’akkuza inhareg minghajr dilungar;

“38. Illi l-intoppi procedurali jirrizultaw aktar ikkawzati mill-manuvri tar-rikorrenti stess biex kemm jista’ jkun jevita l-process permezz tal-gurija;

“39. Illi meta ittiehdet id-decizjoni li l-proceduri jkunu indirizzati fid-direzzjoni tal-Qorti tal-Magistrati dawn gew decizi f’perjodu qasir;

“Ikkunsidrat:

“40.0. Illi ghalhekk, in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:”

L-Appell

5. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza b’rikors tal-24 ta’ Novembru 2015 li ghalih l-Avukat Generali wiegeb b’risposta datata 27 ta’ Novembru 2015.

6. L-aggravju mressaq mir-rikorrent jikkonsisti principalment fil-fatt illi l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar dewmien huma ghal kollox zbaljati tenut kont tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tilqa' t-talbiet li kienu ghadhom pendenti.

7. Min-naha tieghu l-intimat, ghar-ragunijiet imressqa minnu fir-risposta tieghu, qed jitlob li l-appell tar-rikorrent jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

L-Aggravju

8. Fl-aggravju tieghu, in succint, ir-rikorrent jissottometti illi l-Qorti Ewropea iggudikat fuq id-dewmien dejjem skont il-kaz partikolari u ghamlet ir-riflessjonijiet taghha fuq it-totalita` taz-zmien li hadu l-proceduri sakemm gew konkjuzi. Jghid li dan il-kaz li spicca quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, seta' gie deciz f'perjodu massimu ta' sena wara li hu kien tressaq quddiem dik il-qorti u ma kellhomx ghalfejn jghaddu 12-il sena biex l-Avukat Generali jirtira l-kap tal-akkuza li kien qed jaggrava s-sitwazzjoni tieghu b'tali mod li kien qed jesponih ghal piena ta' habs li testendi minn erba' snin sa ghomru. Jghid li barra minnhekk gie lilu sekwestrat kull ma kellu, b'dannu ghalih

kif ippruvat waqt il-kawza. Ma jistax jaccetta li hu ma ippruvax il-kaz tieghu quddiem l-ewwel Qorti u jaghmel referenza ghal gurisprudenza kostanti tal-Qorti Ewropea inkluz dik li laqtet ukoll lill-kaz Malti ta' **Nazzareno Zarb v. Malta** fejn dewmien ferm inqas gie sanzjonat mill-Qorti Ewropea.

9. L-intimat jilqa' ghall-appell tar-rikorrent billi jissottometti, *inter alia*, illi sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghall-konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli l-procedura gudizzjarja trid tigi ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax jigi ezaminat element wiehed biss jew parti wahda. Jikkwota diversi kazijiet kemm lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropea in sostenn ta' dan, u jkompli jissottometti illi ghandhom jigu ikkonsidrati (a) in-natura u/jew il-komplessita` tal-kaz; (b) l-imgieba matul il-process tal-partijiet; kif ukoll (c) il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja.

10. L-intimat ikompli jissottometti illi minn ezami tal-atti processwali u mir-rizultanti *iter* processwali jirrizulta li fil-fazi tal-kumpilazzjoni ma kienx hemm dewmien li jista' jinghad li kien wiehed kapriccuz jew irragjonevoli, u mill-ghadd kbir ta' provi li gew prodotti u d-diversi esperti li kienu mehtiega juri li l-kaz ma kienx wiehed facli. Jghid ukoll illi l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali kienu karatterizzati minn diversi rikorsi ipprezentati mill-appellant biex jissospendi l-guri tieghu, izda meta l-

proceduri kriminali tal-appellant setghu jitkomplew u l-atti ntbaghtu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-kaz gie deciz f'perjodu ta' ftit iktar minn seba' xhur.

11. Jghid ghalhekk illi, meta jigi ikkonsidrat il-kumplessita` tal-kaz, l-ghadd kbir ta' provi migbura u l-mizuri legali mehuda mill-appellant biex jissospendi l-proceduri kriminali, l-ewwel Qorti ma setghetx hlief tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

12. L-intimat jissottometti wkoll illi f'kawzi ta' natura kostituzzjonali l-ghoti ta' rimedju mhuwiex wiehed awtomatiku, u lanqas ma jista' l-appellant jippretendi li jakkwista rizarciment ghad-danni materjali. Fi kwalunkwe kaz, l-ewwel Qorti kienet korretta meta osservat li l-appellant ma rnexxilux jipprova li tassew garrab xi danni materjali. Dwar il-multi fuq il-vetturi u d-dghajsa jissottometti illi rrizulta li l-multi li ma thallsux jistghu jithassru. Dwar l-ammont imhallas lill-avukat tieghu jghid li, filwaqt li ma rnexxilux jipprova tali pagamenti b'ebda mezz, il-proceduri kriminali kontrih ma sarux ghalxejn tant hu hekk li kien instab hati ta' uhud mir-reati, u ghalhekk xorta kellu bzonn is-servizzi ta' avukat biex jassistih. Dwar l-imghax allegatament mitluf, jissottometti li ma hemm ebda istituzzjoni finanzjarja li taghti interessi ta' 8% u, barra minnhekk, fil-kaz ta' obbligazzjonijiet civili, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn dak in-nhar li ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, haga li f'dan il-kaz ma saritx.

13. L-intimat jissottometti wkoll illi, rigward id-danni morali, ghalkemm l-appellant jaghmel referenza ghall-kawza **Zarb v. Malta** fejn il-Qorti Ewropea stabbilit kumpens ta' €4500, ma hemm ebda dritt generali jew assolut ghal danni morali.

14. L-intimat jikkonkludi illi l-ewwel Qorti iddecidiet b'mod korrett u l-appell ghandu jigi michud.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*Dewmien*

15. Din il-Qorti sejra tibda billi tistharreg l-ilment tar-rikorrent dwar dewmien esagerat u irragjonevoli, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji principali ormai ben assodati fil-gurisprudenza patria u dik Ewropea, jigifieri il-komplessita` tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u '*what was at stake for the applicant in a given case.*'[2]

16. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza recenti ta' din il-Qorti datata 1 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Anton Camilleri v. Avukat Generali**, fejn inghad:

---

[2] ECHR, **Gordeyev v. Russia** (Application no. 40618/04) 5/02/2015.

"21. Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.

"22. Jinsab ritenut illi:

"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited).

"…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited)."[3]

"23. Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika.[4] Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.[5]

[3] Grand Chamber, **Kendrion NV v. European Commission**, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97.
[4] Q. Kos. **Emanuela Brincat v. L-avukat Generali**, 21/2/1996 [Vol.80].
[5] Q. Kos. **Zakkarija Calleja v. L-Avukat Generali**, 15/12/2015.

17. Fil-kaz odjern, is-sekwenza tal-fatti, in succint, kienet is-segwenti. Ir-rikorrenti gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-18 ta' Gunju 2003. Il-kumpilazzjoni tieghu ntemmet fit-22 ta' Jannar 2010, f'liema perjodu saru izjed minn hamsin seduta u nstemghu izjed minn erbghin xhud. L-att tal-akkuza kontra Joseph Camilleri inhareg mill-Avukat Generali fit-12 ta' Marzu 2010 u l-guri gie appuntat ghas-smigh ghall-25 ta' Frar 2013. Fl-4 ta' Frar 2013, ir-rikorrent talab lill-Qorti Kriminali sabiex il-guri jigi pospost, izda din t-talba giet michuda permezz ta' digriet tas-7 ta' Frar 2013. Fit-8 ta' Frar 2013 ir-rikorrent intavola l-proceduri odjerni u l-ewwel Qorti fit-22 ta' Frar 2013 laqghetlu t-talba sabiex is-smigh tal-guri jigi sospiz. Permezz ta' decizjoni ta' din il-Qorti tal-1 ta' Lulju 2013, dak id-digriet gie revokat u l-proceduri fil-konfront tar-rikorrent setghu jitkomplew. Fis-26 ta' Novembru 2013, l-Avukat Generali waqqa' l-akkuza ta' traffikar u baghat il-kaz ghall-gudizzju quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fl-14 ta' Lulju 2014, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontrih u ikkundannatu sena u nofs habs sospizi ghal sentejn, flimkien ma' spejjez ekwivalenti ghal €292.73.

18. Jidher illi d-dewmien principali li sehh fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent kien fi stadju ta' kumpilazzjoni li damet ghaddejja kwazi seba' snin. L-Avukat Generali jissottometti illi fil-kors tal-kumpilazzjoni

nzammu mat-tletin seduta li fihom instemghu mhux inqas minn tnejn u erbghin xhud. L-intimat jissottometti wkoll illi mill-verbali tal-udjenzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati, wiehed jista' josserva li kwazi f'kull seduta nstema' xhud jew aktar minn xhud wiehed u ghalhekk zgur li f'dan l-istadju ma kienx hemm telf ta' zmien jew nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni li tmexxi l-proceduri bid-diligenza mistennija. Jghid ukoll li kienet korretta l-ewwel Qorti meta din waslet ghall-konkluzjoni li l-kawza kienet komplessa u meta ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Andrew Ellul Sullivan et v. Avukat Generali et**.

19. Din il-Qorti tibda billi tosserva illi ma kienx korrett l-Avukat Generali meta quddiem l-ewwel Qorti, fir-risposta tieghu ghat-talba mizjuda mir-rikorrent (a fol. 129), huwa indika li kien qieghed jehmez il-verbali 'kollha' tas-seduti li nzammu quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Is-seduti li nzammu quddiem l-istess Qorti ma kinux fil-fatt tletin izda 'l fuq minn hamsin, u l-intimat naqas milli jipprezenta l-verbali ta' xi whud minn dawn is-seduti fejn, ghal xi raguni jew ohra, ma sarx dak li kellu jsir jew adirittura ma sar xejn. Din il-Qorti qieset bir-reqqa il-verbali u l-atti tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u setghet tinnota illi kien hemm numru ta' seduti fejn, anke b'nuqqas tal-prosekuzzjoni, ma sar xejn. Minghajr ma telenka dawk is-seduti kollha fejn dan gara, din il-Qorti sejra ssemmi ftit minnhom bhala ezempji u sabiex jigi konstatat jekk hux minnu dak

sottomess mill-intimat fir-risposta tal-appell tieghu, illi fis-seduti kollha nstemghu xhud wiehed jew izjed minn wiehed u li ma kienx hemm dewmien inutili.

20. Din il-Qorti tinnota illi b'zieda mal-verbali ipprezentati mill-intimat waqt il-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti (132 et seq), kien hemm seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fejn ma deher hadd[6], ohrajn fejn ma deherx l-imputat izda l-prosekuzzjoni kienet sprovvista minn riferta rigward in-notifka tieghu[7], xi seduti ohra fejn ma tharrkux xhieda jew fejn il-Prosekutur kien sprovvist minn riferti dwar ix-xhieda[8], seduti ohra fejn il-prosekutur talab differiment jew kien maqbud fuq xoghol iehor[9] u kif ukoll numru ta' seduti fejn ma giex ipprezentat jew gie pprezentat tard il-process verbal u ghalhekk ma seta' jsir xejn.[10] Jidher li kien biss fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2008 illi, ghalkemm kien gie notifikat fl-awla waqt is-seduta precedenti, l-imputat naqas milli jidher.

21. Dan imur biex juri, illi ghalkemm huwa minnu illi f'bosta mis-seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, instemghu xi

---

[6] Vide per ez. Seduta tad-29 ta' Awissu 2003 (f'din is-seduta l-Qorti giet infurmata li l-iSpettur Caruana kien ghadu rikoverat); 10 ta' Ottubru 2003 (f'din is-seduta l-Qorti giet infurmata li l-Ufficjal Prosekutur kien indispost); 21 ta' April 2006; 18 ta' Awissu 2006.
[7] Vide per ez. Seduta tas-17 ta' Novembru 2003; 29 ta' Lulju 2004; 1 ta' Lulju 2005; 9 ta' Gunju 2006.
[8] Vide per ez. Seduta tal-10 ta' Dicembru 2004; 11 ta' Jannar 2008.
[9] Vide per ez. Seduta tal-15 ta' Novembru 2006; 24 ta' Mejju 2007; 29 ta' Ottubru 2008; 16 ta' Jannar 2009; 23 ta' April 2009; 3 ta' Lulju 2009.
[10] Vide per ez. Seduta tal-10 ta' Marzu 2006; 14 ta' Lulju 2006; 20 ta' April 2007.

xhieda, kien hemm numru iehor ta' seduti, pjuttost sostanzjali, illi fihom ma saret ebda attivita` gudizzjarja ta' relevanza, u dan minghajr il-htija tar-rikorrent, allura imputat. Ghalkemm l-Avukat Generali ghazel li ma jaghmilx riferenza ghal dawn is-seduti, din il-Qorti ser tikkonsidrahom.

22. Rigward il-komplessita` tal-kaz, din il-Qorti tosserva li huwa minnu li *"...[the] volume of evidence, number of defendants or charges, the need to obtain expert evidence or evidence from abroad or the complexity of the legal issues involved"*[11]*,* huma kollha fatturi rilevanti sabiex jigi ikkonstatat jekk it-tul tal-proceduri kienx wiehed gustifikat jew le.

23. Fil-kaz odjern huwa minnu illi kien hemm bosta xhieda, u kien hemm ukoll esperti nominati sabiex jaqdu inkarigi teknici necessarji ghall-ahjar prosegwiment tal-proceduri, izda din il-Qorti tosserva illi, kieku kien hemm izjed diligenza da parti tal-prosekuzzjoni u izjed kontroll da parti tal-Qorti in kwistjoni, il-kumpilazzjoni ma kellhiex tiehu seba' snin sabiex tintemm. Lanqas ma jidher illi l-htiega ta' perizji teknici ikkawzat xi dilungar oltre n-necessarju, u fi kwalunkwe kaz jinsab assodat fil-gurisprudenza nostrana illi:

[11] Ghalkemm kienet il-Prim'Awla fis-Sede Kostituzzjonali taghha u mhux il-Qorti Kostituzzjonali, li fil-kawza **Andrew Ellul Sullivan, Joseph Ellul Sullivan, Carmel sive Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi v. L-Avukat Generali tar-Repubblika u l-Kummissarju tal-Pulizija** ghamlet tali riferenza.

> “..fl-ahhar mill-ahhar id-dmir jibqa’ tal-Qorti li ma tippermetti lil hadd mill-partijiet, inkluzi d-difensuri, li jabbuzaw mill-process gudizzjarju u fl-istess waqt tizgura li l-periti gudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi zmien ragjonevoli minghajr il-htiega li toqghod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni.”[12]

24. Din il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-kaz kien ta’ xi komplessita` barra l-medja, u ghalhekk it-test tal-komplessita` ma jezonerax lill-iStat mir-responsabbilta` ta’ seba’ snin proceduri, li bil-mezzi idoneji, bi strutturi adegwati u b’impenn akbar da parti tal-prosekuzzjoni, setghu jigu determinati fi zmien ferm iqsar.[13]

25. Dan pero` ma jnaqqas xejn mid-dmir ta’ kull qorti li tara li l-kawzi jitmexxew b’heffa u b’efficjenza, minkejja l-inerzja tal-partijiet u/jew tal-esperti teknici u, ladarba hemm ukoll dmir fuq l-awtorita` pubblika li taghmel disponibbli rizorsi bizzejjed biex il-qrati jkunu jistghu jwettqu dan id-dmir taghhom, l-iStat m’ghandux ikun ezonerat minn responsabbilta` ghal dewmien ta’ tant snin biex jigu konkluzi proceduri ta’ kawza ta’ komplessita` mhux aktar mill-medja.[14]

26. Mizjud ma’ dan hemm il-fatt sostnut mir-rikorrent li matul il-kumpilazzjoni hu kien qed jigi akkuzat bir-reat gravi ta’ traffikar ta’ sustanzi illegali, akkuza li mhux biss iggib maghha pieni horox, izda bla dubju hija sors ta’ ansjeta` qawwija ghal dak li jkun u ta’ stress

[12] PA **Joseph Gatt et vs Avukat Generali** deciza fid-29 ta' Lulju 2013.
[13] Vide in materja Q. Kos. **Anton Camilleri v. Avukat Generali**, deciza fl-1 ta' Frar 2016.
[14] Vide Q. Kos **Iris Cassar v. Avukat Generali**, deciza fis-27 Marzu 2015.

konsiderevoli lilu u lill-membri familjari qrib tieghu. B'dan il-Qorti ma tridx tfisser illi in kwantu giet ceduta l-akkuza l-izjed gravi ta' traffikar ta' sustanzi illeciti, allura l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja jirrizultaw awtomatikament lezivi tad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent. Ifisser pero` li l-gravita` tal-akkuza necessarjament timpingi fuq l-istat mentali tal-akkuzat u tista' tkun sors ta' problemi konsegwenzjali illi jistghu jinholqu fl-imputat waqt il-kors tal-proceduri in kwistjoni.

27. Minn dak in nhar li nhareg l-att ta' akkuza, jigifieri mit-12 ta' Marzu 2010 sad-data tas-sentenza kontra r-rikorrent jigifieri l-14 ta' Lulju 2014, ma jidhirx mill-atti tal-istess proceduri li kien hemm xi dewmien irragjonevoli jew tul esagerat. Fi kwalunkwe kaz, l-istess rikorrent ikkontribwixxa ghal tali tul ta' zmien in kwantu huwa ittanta jissospendi l-guri tieghu, liema fatt ftit li xejn ma jikkombacja mal-lanjanza tieghu dwar dewmien esagerat u l-konsegwenti ilment dwar id-danni li dan kien qed jikkawzalu.

28. Rilevanti ghall-kaz odjern huma l-osservazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza **Samuel Onyeabor v. Avukat Generali** deciza fl-14 December 2015:

> "Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess,

> mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xiehda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien."

29. In vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq riportati, din il-Qorti tqis illi d-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq tassew gie lez bid-dewmien esagerat fil-proceduri kriminali kontra tieghu, senjatament fl-istadju tal-kumpilazzjoni.

*Danni materjali*

30. It-talba tar-rikorrent fil-proceduri odjerni hija kemm ghal rizarciment ta' danni materjali illi huwa allegatament sofra minhabba d-dewmien fil-proceduri kriminali kontrih, kif ukoll ghal danni morali b'konsegwenza tal-istess dewmien.

31. Fil-kamp tad-danni materjali, filwaqt li ma huwiex eskluz li persuna li tfittex rimedju ghal ksur ta' xi jedd fundamentali taghha, titlob ukoll kumpens ghal tali danni, tghodd ghal tali proceduri wkoll ir-regola li min jallega jrid jipprova - *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui*

*negat*. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija fit-18 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Anthony Mifsud v. Supretendent Carmelo Bonello**, fejn din il-Qorti gie osservat:

> "'….kif jinghad fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija deciza fit-2 ta' Novembru 2001:
>
> "Il-principju kollu dejjem ikun illi l-kompetenza Kostituzzjonali u l-kompetenza Civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku."
>
> "Madanakollu, mhux eskluz li, fil-kazijiet kongruwi, persuna tkun tista' titlob iz-zewg tipi ta' danni minghand il-Qorti f'Sede Kostituzzjonali, u dawn jistghu jinghataw minn din il-Qorti, jekk issir il-prova tat-telf (ara l-kumment ta' din il-Qorti fil-kawza Fenech et v. Kummissarju tal-Artijiet deciza fl-20 ta' Frar 2009). Fil-fatt, kif qalet din il-Qorti fil-kawza aktar qabel indikata, dik fl-ismijiet Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et, u deciza fl-1991,
>
> "meta l-oggett in kawza jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li ghandhom rimedju f'xi ligi ohra u ohrajn li m'ghandhomx rimedju hlief kostituzzjonali – allura ghandha tipprevali din l-ahhar azzjoni."

32. Jinghad ukoll fl-ambitu tal-Qorti Ewropea illi:

> "… the Court requires specific claims supported by appropriate documentary evidence, failing which it may make no award.
> ….
> "7. A clear causal link must be established between the damage claimed and the violation alleged. The Court will not be satisfied by a merely tenuous connection between the alleged violation and the damage, nor by mere speculation as to what might have been.
>
> "8. Compensation for damage can be awarded in so far as the damage is the result of a violation found. No award can be made for damage caused by events or situations that have not been found to constitute a violation of the Convention, or for damage related to complaints declared

inadmissible at an earlier stage of the proceedings.

"9. The purpose of the Court's award in respect of damage is to compensate the applicant for the actual harmful consequences of a violation. It is not intended to punish the Contracting Party responsible. The Court has therefore, until now, considered it inappropriate to accept claims for damages with labels such as "punitive", "aggravated" or "exemplary".

"….

"10. The principle with regard to pecuniary damage is that the applicant should be placed, as far as possible, in the position in which he or she would have been had the violation found not taken place, in other words, restitutio in integrum. This can involve compensation for both loss actually suffered (damnum emergens) and loss, or diminished gain, to be expected in the future (lucrum cessans).

"11. It is for the applicant to show that pecuniary damage has resulted from the violation or violations alleged. The applicant should submit relevant documents to prove, as far as possible, not only the existence but also the amount or value of the damage.

"12. Normally, the Court's award will reflect the full calculated amount of the damage. However, if the actual damage cannot be precisely calculated, the Court will make an estimate based on the facts at its disposal. As pointed out in paragraph 2 above, it is also possible that the Court may find reasons in equity to award less than the full amount of the loss.'[15]

33. Jirrizulta ghalhekk car illi sabiex jigu attribwiti danni materjali f'kawza fejn tinstab lezjoni ta' dritt fundamentali, iridu jirrikorru numru ta' elementi li ghandhom jigu ippruvati mill-applikant. Dawn jinkludu: (1) il-prova tan-ness kawzali bejn il-lezjoni tad-dritt fundamentali in kwistjoni u d-danni sofferti; (2) il-prova li d-danni sofferti huma reali u mhux ibbazati

[15] ECHR Rules of Court 1st January 2016, **Just Satisfaction Claims** - Practice direction issued by the President of the Court in accordance with Rule 32 of the Rules of Court on 28 March 2007.

fuq suppozizzjonijiet; (3) il-prezentazzjoni ta' provi cari u univoci, b'dokumenti in sostenn tal-allegazzjonijiet migjuba.

34. F'kaz li l-Qorti tkun sodisfatta illi d-danni materjali sofferti mir-rikorrent b'rizultat tal-lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu gew ippruvati, ghandu jigi akkordat kumpens materjali illi jqarreb kemm jista' jkun lejn il-valur attwali tad-dannu subit, abbazi tal-principju tar-*restitutio in integrum*; izda meta dan ma jkunx possibbli d-determinazzjoni tal-ammont tal-kumpens jista' jsir *arbitrio boni viri*.

35. Fil-kaz odjern, din il-Qorti tosserva li l-provi migjuba mir-rikorrent dwar allegati danni materjali sofferti minnu ma humiex biss skarsi, izda whud jinsabu wkoll kontradetti minn xhieda prodotti mill-intimat.[16] Ir-rikorrent jissottometti wkoll illi sofra deprezzament fuq il-vetturi msemmija tul iz-zmien kollu li damet fis-sehh il-*freezing order*. Hlief li indika fl-affidavit tieghu[17] il-prezz li ghalih kien xtrahom, huwa ma jissostanzjax din il-lanjanza. Inoltre, kif xehed Brian Farrugia (fol. 193), il-*freezing order* kien biss fuq trasferiment ta' dawn il-vetturi, u allura jidher illi r-rikorrent ma kienx imcahhad mill-uzu tal-istess, izda biss milli jittrasferihom.

---

[16] Vide xhieda ta' Brian Farrugia rapprezentant ta' Transport Malta (fol. 192-193, li waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2014 ikkonferma illi r-rikorrent seta` jmur ihassar il-multi illi gew inflitti fuq il-vetturi u d-dghajsa tieghu in kwantu l-freezing order li kien hemm fuqhom kien ristrett biss ghal trasferiment u mhu ghal licenzjar).
[17] Fol. 176.

36. Dwar il-hlasijiet ta' onorarji lid-difensuri legali tieghu, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi l-figura ta' €10,000 imsemmija fl-affidavit tieghu, ma giet issostanzjata b'ebda mod mir-rikorrenti, la b'ircevuti u lanqas bi provi ohra. Jinghad ukoll illi l-lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent instabet biss fi stadju ta' kumpilazzjoni u mhux tul iz-zmien kollu li l-proceduri kontrih kienu pendenti. Dan kollu jinghad apparti l-fatt li kif jissottometti l-intimat, dan ma huwiex kaz ta' proceduri li saru b'mod frivolu jew b'negligenza, izda ta' dilungar fil-proceduri, u ghalhekk l-ingagg da parti tieghu ta' difensur legali kien fi kwalunkwe kaz necessarju ghad-difiza tal-kaz tieghu, u dan, apparti mill-beneficcju tal-ghajnuna legali kemm-il darba kien jikkwalifika ghalih.

37. Rigward il-pretensjoni tar-rikorrent ghal 8% fuq id-depozitu illi huwa kien ghamel ghall-helsien mill-arrest, din il-Qorti tosserva li, fl-ewwel lok ma gie indikat lilha ebda istituzzjoni finanzjarja stabbli li taghti dak il-persentagg gholi ta' imghax, u fit-tieni lok, il-gravita` tal-akkuzi kien jimmerita li jsir depozitu.

38. Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li t-talba ghad-danni materjali mhux misthoqqa fic-cirkostanzi peress li ma ssibx sostenn fil-provi.

*Danni morali*

39. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat illi f'dan il-kaz is-semplici dikjarazzjoni ta' ksur huwa rimedju adegwat, aktar u aktar fil-kuntest tal-proceduri kriminali ta' certu gravita` li dwarhom saret din il-kawza. Ghalhekk, hija tal-fehma li r-rikorrent haqqu kumpens ghad-danni morali li huwa sofra b'konsegwenza tad-dewmien irragjonevoli tal-proceduri kriminali kontra tieghu, fl-istadju tal-kumpilazzjoni.

40. Sabiex tasal ghal ammont ta' kumpens gust u li jkun jirrifletti c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, il-Qorti ghandha tikkonsidra, il-fatturi segwenti:

> "a. id-dewmien inordinatament twil u eccessiv; b. in-natura kriminali tal-proceduri relevanti; c. il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjeta` li d-dewmien necessarjament iggenera f'persuna akkuzata; d. in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom; e. il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri."[18]

41. Fl-isfond tal-kaz odjern, din il-Qorti tqis b'reqqa s-segwenti fatturi: (1) il-fatt li l-lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent instabet biss fl-istadju tal-kumpilazzjoni u ghalhekk ghall-perjodu ta' seba' snin u mhux matul il-procedura kollha; (2) il-fatt li kien hemm numru ta' seduti fejn ma kien hemm ebda attivita` gudizzjarja relevanti fl-andament tal-proceduri;

---

[18] Q.Kos. **Raymond Urry et v. Avukat Generali**, 27 ta' Frar 2015

(3) il-fatt li r-rikorrent ma intraprenda ebda inizjattiva partikolari sabiex jipprova jhaffef l-andament tal-proceduri, u kif ukoll (4) il-fatt illi tul il-kors tal-kumpilazzjoni r-rikorrent kien ghadu akkuzat bi traffikar ta' droga – reat li jgorr mieghu pieni horox u jikkaguna inevitabbilment stress qawwi fuq l-imputat.

42. Tenut kont ta' dawn il-fatturi kollha u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet partikolari ta' dan il-kaz hawn fuq riportati, kif ukoll tenut kont tal-fatturi tar-relattivita` ma' kazijiet li jixxiebhu, din il-Qorti hija tal-fehma li kumpens ta' €4,000 huwa wiehed gust u ekwu.

43. Ghaldaqstant qeghdha tilqa' l-aggravju tar-rikorrent fit-termini hawn fuq spjegati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghdha tilqa' l-appell tar-rikorrent limitatament ghal sejba ta' ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fil-kors tal-proceduri kontrih quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u, filwaqt li tichad it-talba tieghu ghal danni materjali, tilqa' t-talba tieghu ghad-danni morali u tiffissa s-somma ta' erbat elef euro [€4,000] illi ghandha tithallas lilu mill-Avukat Generali bhala danni non pekunjarji.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mill-intimat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df